MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru 29/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Aaron Cassar**
**Noel Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 29 tas-sena 2009 kontra l-akkuzati Aaron Cassar u Noel Frendo, li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, l-pulizija ġew infurmati minn Joseph Grixti li kien vittma ta' hold-up ta' flus ammontanti għal aktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) minn żewġ persuni waqt li kien qiegħed fil-vettura tiegħu. Matul l-investigazzjonijiet

irriżulta li wieħed mill-ħallelin involuti kien l-akkużat Noel Frendo.

Illi rriżulta li Joseph Grixti, pensjonant ta' l-fuq minn sebgħin sena (70+) jeżerċita attivita' ta' bejgħ ta' telecards u tours minn uffiċju żgħir, minħabba liema attivita' hu ġieli jġorr flus fuqu ta' ammont konsiderevoli. Meta seħħ l-inċident hu kien sejjer jiddepożita parti minn somma flus li kien qiegħed ġewwa baskett żgħir (pouch) appartenenti lilu. Waqt li kien fi triqtu lura l-ħanut mill-bank bil- vettura tiegħu, u bil-qbija tal-flus fil-pussess tiegħu, għall-ħabta ta' bejn t-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am), karrozza ta' lewn skur li kienet ipparkjata fil-ġenb ħarġet minn fejn kienet u mblokkatlu t-triq biex b'hekk hu ma' kellux biżżejjed spazzju sabiex jgħaddi. Fil-pront u filwaqt li Joseph Grixti kien għadu fil-vettura tiegħu, ħarġet persuna minn din il-vettura skura, liema persuna kienet mgħamda bil-balaklava u kellha arma tan-nar f'idejha. Dan id- delinkwent ippunta din l-arma lejn is-Sur Grixti u kkmandah jagħtih il- baskett bil-flus. Is-Sur Grixti beda jissielet mad-delinkwent sabiex dan ma joħodlux il-baskett iżda l-ħalliel taħ daqqa bl-arma li kellu fuq idejħ bl-iskop li jweġġgħu u li joħodlu l-baskett li ried jisraqlu u b'dik l- intenzjoni ta' serq hu filfatt irnexxielu joħodlu l-istess baskett. Il-ħalliel daħal fil-vettura li kienet qed timblokka t-triq u li kienet misjuqa minn persuna oħra li kienet ukoll involuta fis-serqa u t-tnejn li huma ħarbu minn fuq il-post. Il-vittma tal-aggressjoni u tas-serqa identifika l- vettura tad-delikwenti bħala Hyundai ħadra.

Illi sussegwentement għal dan ir-rapport waqt li uffiċjali tal-pulizija kienu qedgħin jagħmlu r-ronda ftit tal-ħin wara li seħħet is-serqa, il- pulizija waqqfu żewġ ġuvintur ġewwa karrozza bajda Ford Escort minħabba aġir suspettuż, u f'din il-vettura kienu instabu xi oġġetti relatati mas-serqa li kien soffra s-Sur Grixti, fosthom baskett żgħir bil- flus li rriżulta li kien l-istess wieħed misruq mis-Sur Grixti, armi tan- nar fosthom dik użata waqt l-aggressjoni fuq il-vittma kif ukoll balaklava bħal dik li kienet imlibsa mill-aggressur waqt is-serqa. Wieħed minn dawn il-ġuvintur irriżulta li kien Noel

Frendo qua akkużat. Jirriżulta wkoll li ftit il-bogħod minn fejn seħħet is-serqa, instabet ukoll il-vettura Hyundai ta' kulur aħdar skur kif kienet ġiet deskritta mis-Sur Grixti.

Illi b'għemilu Noel Frendo sar ħati ta' serq ta' flus kontanti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libes balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u bil- vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin;

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Noel Frendo mogħtija fis-27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), l-imsemmi akkużat Noel Frendo instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża Noel Frendo reċidiv f'delitt, ħati ta' serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l- imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija

ta’ għomor il-ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278, 279(b), 280(2)(3), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiċ-ċirkostanzi formanti l-mertu tal-ewwel Kap ta’ din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar it-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta’ bejn it- tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta’ filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, il-vittma Joseph Grixti indika li kien hemm żewġ persuni involuti fis-serqa u l-aggressjoni li seħħew kontrih. Filfatt meta’ l- pulizija sabu lil Noel Frendo ko-awtur fir-reat, fil-vettura Ford Escort fejn istabu l-affarijiet relatati mas-serqa in kwistjoni, hu kien fil-kumpanija ta’ persuna oħra li ġiet identifikata bħala Aaron Cassar u ċioe` l-ko-akkużat f’dawn il-proċeduri.

Illi b’għemilu Aaron Cassar sar ħati ta’ serq ta’ flus kontanti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libes balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u bil- vjolenza (użu ta’ arma, sekwestru ta’ persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin;

Illi b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija (Spettur Lawrence Cutajar) vs Aaron Cassar datata t-2 ta’ Novembru tas-sena elfejn (2000) mill- Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati u kontravenzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Aaron Cassar reċidiv f’delitt, ħati ta’ serq ta’ flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u

tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l- "vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u bil-valur; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sena u mhux iktar minn tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278, 279(b), 280(2)(3), 49, 50, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ- ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel u fit-tieni kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, joħroġ ċar li Joseph Grixti kien ġie mwaqqaf fi triqtu u inżamm kontra r-rieda tiegħu mill-aggressuri u ċioe` mill-akkużati, sabiex hu jiġi misruq. L-akkużati ma' kellhom l-ebda dritt jaġixxu b'dan il-mod apparti mill-fatt li din l-azzjoni saret għal skopijiet illeċiti. Joħroġ ampjament ċar ukoll illi l-allegati ħallelin qua akkużati għamlu offiża fuq il-persuna ta' Joseph Grixti bl-iskop tas-serqa li rnexxielhom jeżegwixxu fuq il-propjeta' tiegħu u mill-vettura tiegħu.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Aaron Cassar u Noel Frendo saru ħati talli, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arrestaw, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil- ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija**

**vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta’ Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta’ Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta’ Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta’ Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta’ Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b’setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta’ Settembru 2002 (droga), **U** b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta’ Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta’ diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmija Aaron Cassar u Noel Frendo, reċidivi f’delitt, ħatja talli, bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill- każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b’dan li l- persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il- persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l- imsemmi akkużat u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta’ mhux inqas minn tlettax il-xhar u mhux iktar minn erba’ snin priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 86, 87(1)(c)(e), 49, 50, 31, 12 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi waqt iċ- ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel tlett kapi ta’ din l-att tal-Akkuża u ċioe’ fit-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta’ bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta’ filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, l-allegati ħallelin volontarjament użaw vjolenża waqt l- aggressjoni fuq il-persuna ta’ Joseph Grixti b’mod volontarju, u dan sabiex jisirqulu l-baskett kontenenti l-flus fil-propjeta tiegħu. Illi b’riżultat ta’ din il-vjolenża, Joseph Grixti ġie ċċertifikat li qed ibgħati

minn ġrieħi ta’ natura ħafifa li ġew ikkawżati meta d-dententur tal- arma, ta diversi daqqiet fuq id Joseph Grixti sabiex dan jirilaxxa l- baskett li hu kien qed iżomm f’idejh sabiex din ma tinsteraqx mill- allegati ħallelin qua akkużati.

Illi b’għemilhom l-imsemmija Aaron Cassar u Noel Frendo saru ħatja talli, kkaġunaw feriti ta’ natura ħafifa fuq persuna, liema persuna għalqet l-eta’ ta’ sittin sena.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta’ Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta’ Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta’ Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta’ Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta’ Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b’setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta’ Settembru 2002 (droga), **U** b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta’ Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta’ diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Aaron Cassar u Noel Frendo, reċidivi f’delitt, ħatja talli, kkaġunaw ferita ta’ natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta’ sittin sena; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l- imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ mhux inqas minn xahrejn u mhux iktar minn sena priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 221(2), 222A, 45, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall- ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-

ewwel erba' kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, jirriżulta li l-akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar, volontarjament ippuntaw arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Joseph Grixti sabiex iġegħluh jagħtihom il-baskett tiegħu li kien jikkontjeni flus ammontanti għal iktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentenżmu (€2329.37). Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkużati kellhom fuq il-persuna tagħhom arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra Joseph Grixti u dan bl-iskop ta' serqa imsemmija fl- ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Aaron Cassar u Noel Frendo saru ħatja talli, fil-ħin li għamlu delitt volontarju kontra l-persuna, kellhom fuq il- persuna tagħhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), <u>**U**</u> b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta' Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta' diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmija Aaron Cassar u Noel

Frendo, reċidivi f'delitt, ħatja talli, fil- ħin li għamlu delitt volontarju kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' L-Ordinanża dwar l-Armi (Kap 66) u l-artikoli 49, 50, 31, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiż-żmien u fiċ- ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, l-akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar, kellhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar u munizzjon mingħajr ma' kienu debitament liċenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija li jkollhom tali pussess. Nafu mill-fatti li rriżultaw mill-kapi preċedenti li l-akkużati allegatament użaw arma waqt il-kummissjoni tas-serqa u meta' instabu l-akkużati fil-Ford Escort, mit-tfittxijiet li saru irriżulta li fost l-affarijiet misruqa u relatati mas-serq, kien hemm żewġ armi, waħda minnhom li intużat filwaqt tal-istess serqa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Aaron Cassar u Noel Frendo saru ħatja talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew fil-kontroll tagħhom, jew f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat

Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), **U** b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta' Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta' diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Aaron Cassar u Noel Frendo, reċidivi f'delitt, ħatja talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew fil-kontroll tagħhom, jew f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66), u l-artikoli 23, 30, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall- ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, waqt l-analiżi tal-vettura Hyundai Accent wżata allegatament waqt id-delitt tas-serq, irriżulta li din l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBK 481 kienet karrozza tal-kiri li kienet ġiet irrapuratata nieqsa minn Edward Bonnici nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u ċioe` ġurnata qabel is-serqa mertu tal-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża. Irriżulta mir-rapport magħmul illi il-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fil-ħinijiet ta' filgħaxija quddiem ir-residenża ta' Edward Bonnici u l-għada filgħodu ċioe' dakinhar tal- ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) Edward Bonnici mar biex

isuq il-vettura u sabha nieqsa. Kwindi jirriżulta ampjament ċar li s-serqa ġiet kommessa mill-akkużat matul is-siegħat ta' bil-lejl. Il- karrozza in kwistjoni kienet mikrija mingħand Galea General Services Limited. Skond il-fatti rriżulta li din kienet il-vettura wżata waqt is- serq u din filfatt instabet fil-viċinanżi ta' fejn seħħet is-serqa in kwistjoni li ġiet kommessa mill-akkużati. Di piu ġie ċċertifikat minn Edward Bonnici li l-vettura in kwistjoni u misjuba mill-uffiċjali tal-pulizija hija filfatt l-istess vettura li insterqet mingħandu liema serq sar fil-ħinijiet ta' bil-lejl u permezz ta' sgass fiha.

Illi b'għemilu l-ko-akkużat Noel Frendo sar ħati ta' serq ta' vettura tal- għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni FBK481, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (b'imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Noel Frendo mogħtija fis-27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), l-imsemmi akkużat Noel Frendo instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Noel Frendo, reċidiv f'delitt, ħati ta' serq ta' vettura bil-valur li jeċċedi l- ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura); talab li jingħamel skond il-liġi kontra

l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannati għall- piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlettax ix-xahar u mhux iżjed minn tletin sena ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(2), 279(b), 280(2), 281, 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall- ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am)ġewwa l-Qawra, waqt l-analiżi tal-vettura Hyundai Accent wżata allegatament waqt id-delitt tas-serq, irriżulta li din l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBK 481 kienet karrozza tal-kiri li kienet ġiet irrapuratata nieqsa minn Edward Bonnici nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u ċioe' ġurnata qabel is-serqa mertu tal-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża. Irriżulta mir-rapport magħmul illi il-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fil-ħinijiet ta' filgħaxija quddiem ir-residenża ta' Edward Bonnici u l-għada filgħodu ċioe' dakinhar tal- ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) Edward Bonnici mar biex isuq il-vettura u sabha nieqsa. Kwindi jirriżulta ampjament ċar li s-serqa ġiet kommessa mill-akkużat matul is-siegħat ta' bil-lejl. Il- karrozza in kwistjoni kienet mikrija mingħand Galea General Services Limited. Skond il-fatti rriżulta li din kienet il-vettura wżata waqt is- serq u din filfatt instabet fil-viċinanżi ta' fejn seħħet is-serqa in kwistjoni li ġiet kommessa mill-akkużati. Di piu ġie ċċertifikat minn Edward Bonnici li l-vettura in kwistjoni u misjuba mill-uffiċjali tal-pulizija hija filfatt l-istess vettura li insterqet mingħandu liema serq sar fil-ħinijiet ta' bil-lejl u permezz ta' sgass fiha.

Illi b'għemilu l-ko-akkużat Aaron Cassar sar ħati ta' serq ta' vettura tal- għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni FBK481, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u

tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (b'imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura);

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija (Spettur Lawrence Cutajar) vs Aaron Cassar datata t-2 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) mill- Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati u kontravenzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Aaron Cassar, reċidiv f'delitt, ħati ta' serq ta' vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannati għall- piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlettax –il xahar u mhux iktar minn għoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(2), 279(b), 280(2), 281, 49, 50, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

9. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa` Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall- ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta' filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, meta' instabu l-akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar, dawn instabu ġewwa vettura Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE125. Meta saru t-tfittxijiet mill-esperti debitament maħtura fil-vettura in kwistjoni instabu żewġ armi tan-nar fil-pussess illegali tal-istess akkużati. Irriżulta ulterjorment li waħda minn dawn l-armi u ċioe' l-arma tal-għamla 'Browning' bin-numru serjali T246117 kienet filfatt ġiet

misruqa flimkien ma' diversi armi oħrajn mingħand Victor Micallef. Irriżulta li din is-serqa kienet seħħet f'Awwissu fis- sena elfejn u tlieta (2003) mir-residenża tas-sur Micallef li kien kollezzjonist tagħhom. Hu filfatt ikkonferma li l-arma li instabet kienet tiegħu u li kien insteraqlu ukoll xi munizzjoni.

Illi b'għemilhom Aaron Cassar u Noel Frendo saru ħatja talli f'Malta xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin-numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenża mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), **U** b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta' Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta' diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem fuq imsemmi, akkuża lil Aaron Cassar u lil Noel Frendo, reċidivi f'delitt, ħatja talli f'Malta xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin- numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u li huma jiġu kkundannati għall-

piena ta’ priġunerija għal żmien minn sebgħa xhur sa erba snin u dan peress illi l-valur tal-ħaġa misruqa ma jammontax għal iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 334(a), 279(a), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

10. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ghaxar Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża,u ċioe’ nhar it-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għall- ħabta ta’ bejn it-tmienja u nofs (8:30am) u d-disgħa ta’ filgħodu (9:00am) ġewwa l-Qawra, waqt li uffiċjali tal-pulizija kienu qedgħin jagħmlu r-ronda, kienu waqqfu liż-żewġ akkużati f’karrozza bajda Ford Escort minħabba aġir suspettuż, u apparti minn oġġetti relatati mas-serqa li seħħet kontra l-persuna tas-Sur Grixti kif indikat mill-kapi preċedenti f’din l-att tal-akkuża, liema oġġetti instabu f’din l-istess vettura, instabu wkoll xi oġġetti relatati mal-użu tad-droga kif ukoll sustanża illi mis-sembjanza tagħha setghet kienet id-droga herojina li hija droga perikoluża u illegali taħt il-liġi tagħna. Filfatt meta instabu l-akkużati, kien indikattiv li huma kellhom l-intediment li jużaw id- droga dak il-ħin. Wara li l-oġġetti misjuba ġew elevati, u ġew mgħoddija għall-analiżi, ġie filfatt ikkonfermat li s-sustanża suspettuża kienet filfatt id-droga herojina fl-ammont globali ta’ 0.288 grammi mqassam fi tlett qratas bil-purita ta’ tlieta u għoxrin fil-mija (23%) u l- valur kumplessiv ta’ sbatax il-Euro (€17).

L-akkużati ma’ kienux fil-pussess ta’ awtorizazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilhom Aaron Cassar u Noel Frendo, saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta' ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil- liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall- użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Frendo** mogħtija fis- 27 ta' Settembru 2001 mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Serq), fil-25 ta' Jannar 2002 mill-Maġistrat Noel Cuschieri LL.D. (droga), fl-10 ta' Ottubru 2002 mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D. (serq), fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Maġistrat Carol Peralta LL.D. (serq) u fis-27 ta' Ottubru 2003 mill-Maġistrat Quintano LL.D. (droga), kif ukoll b'setenża mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Settembru 2002 (droga), **U** b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Aaron Cassar** (datat 2 ta' Novembru 2000) mill-Maġistrat Abigail Lofaro LL.D., l-imsemmija akkużati Noel Frendo u Aaron Cassar instabu ħati ta' diversi reati u kontravenzzjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Aaron Cassar u Noel Frendo, reċidivi f'delitt, ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienux bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifatturaw jew ifornu d-

droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax il-xahar iżda mhux iżjed minn tnax –il sena u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti ta' l-process;

Rat il-verdett tal-gurati tal-10 ta' Mejju, 2012 li bih

**<u>Fil-konfront ta' Aaron Cassar</u>**

**<u>It-Tieni Kap</u>**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza skond it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza.

**<u>It-Tielet Kap</u>**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza skond it-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza.

**<u>Ir-Raba` Kap</u>**

Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza skond ir-raba` kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**Il-Hames Kap**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza skond il-hames kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**Is-Sitt Kap**
Il-gurati unanimament isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza skond is-sitt kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**It-Tmien Kap**
Il-gurati b’ seba` voti favur u bi tnejn kontra isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza taht it-tmien kap tal-Att tal-Akkuza.

**Id-Disa` Kap**
Il-gurati unanimanent isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza taht id-disa` kap tal-Att tal-Akkuza.

**L-Ghaxar Kap**
Il-gurati unanimament isibu lil Aaron Cassar hati tal-akkuza taht l-ghaxar kap tal-Att tal-Akkuza.

**Fil-konfront ta’ Noel Frendo**

**L-Ewwel Kap**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**It-Tielet Kap**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza skond it-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**Ir-Raba` Kap**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza skond ir-raba` kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

**Il-Hames Kap**
Il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza skond il-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza.

**Is-Sitt Kap**
Il-gurati unanimament isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza skond is-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza.

**Is-Seba` Kap**
Il-gurati b' seba` voti favur u bi tnejn kontra isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza taht is-seba` kap tal-Att tal-Akkuza.

**Id-Disa` Kap**
Il-gurati unanimanent isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza taht id-disa` kap tal-Att tal-Akkuza.

**L-Ghaxar Kap**
Il-gurati unanimament isibu lil Noel Frendo hati tal-akkuza taht l-ghaxar kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal tal- 10 ta' Mejju, 2012 fejn id-difiza mhix tikkontesta l-addebitu tar-recidiva.

Tiddikjara ghalhekk lil Aaron Cassar recediv u hati talli :

1. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, seraq flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u bil-valur, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li

l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l- persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;

5. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;

6. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, seraq vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix- xorta tal-ħaġa misruqa (vettura), u dana skond it-Tmien Kap tal-Att tal- Akkuza.

7. fit-12 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, xjentement laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa,meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin-numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxijhom, u dana skond id-Disa` Kap tal-Att tal-Akkuza;

8. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, kellhu fil-pussess tiegħu id-droga herojina meta ma’ kienux fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat- Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u dana skond l-Ghaxar Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Noel Frendo recediv u hati talli :

1. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, serq ta’ flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u vjolenza (użu ta’ arma, sekwestru ta’ persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin, u dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza;

2. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b’dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, kkaġuna ferita ta’ natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta’ sittin sena, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;

5. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;

6. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, seraq vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta’ bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura), u dana skond is-Seba` Kap tal-Att tal-Akkuza.

7. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, xjentement laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda ’qerq, jew akkwistati b’reat, partikolarment pistola tal-għamla ‘Browning’ bin-numru serjali T246117, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxijhom, u dana skond id-Disa` Kap tal-Att tal-Akkuza;

8. fit-12 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-Qawra, kellhu fil-pussess tiegħu id-droga herojina meta ma’ kienux fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u dana skond l-Ghaxar Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedini penali aggornati tal-hatja esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur **Dr. Malcolm Mifsud**, ghal Aaron Cassar li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Semghet ix-xhieda u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur **Dr. Chris Cardona,** ghal Noel Frendo li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Elaine Rizzo**, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Ikkunsidrat :

Ghal fini tal-piena li r-reati li taghhom il-hatja nstabu hatja jolqtu direttament il-qalba tas-socjeta` Maltija, aktar u aktar meta l-vittma tkun persuna vulnerabbli fl-istess socjeta`.

Il-Qorti qieset b’sodisfazzjon il-progress illi l-hatja ghamlu fil-mori ta’ din il-kawza, liema progress, fil-kaz ta’ Noel Frendo jidher illi huwa notevoli. Fil-kaz ta’ Aaron Cassar mhux daqshekk meta tqis illi f’Jannar li ghadda, ftit xhur qabel il-guri, rrizulta pozittiv ghall-cannabis. Dan il-progress mhu xejn hlief ghal beneficcju tal-hatja, izda l-Qorti ma tridx tara biss l-interessi taghhom imma trid tara

wkoll l-intessi tas-socjeta`, fejn din ghandha dritt illi tkun protetta minn azzjonijiet ta’ aggressjoni simili ghal dawn li wettqu l-hatja. Ir-responsabbilita` taghhom tibqa`, r-reat sar u l-gurija kwazi unanimament sabithom hatja.

Naturalment din il-Qorti ma tistax tittratta maghhom bhal li kieku ammettew il-htija taghhom mill-bidu nett tal-guri u minflok li ghaddejjna l-process shih ta’ guri waqafna hemmhekk biex nisimghu biss sottomissjonijiet dwar il-piena, u minkejja l-progress illi ghamlu ma tistax tikkonsidra dan il-progress fl-ambitu ta’ ammissjoni bikrija.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz u ma tiehux gost tisma esperti f’dan l-istadju jirrakomandaw lill-Qorti illi l-piena ta’ prigunerija tkun detrimentali ghall-hatjin. Argumenti bhal dawn imisshom ingiebu fil-bidu nett waqt ammissjoni bikrija u mhux f’dan l-istadju, fejn il-Qorti trid tirrispetta l-verdett tal-gurati li tkellmet ghas-socjeta` Maltija illi taghha ahna lkoll naghmlu parti.

Il-hatja kienu jafu x’qeghdin jaghmlu. Ghazlu l-gurnata bil-hsieb kif ukoll il-pjan illi jwettqu fuq persuna l-aktar vulnerabbli tas-socjeta` Maltija.

Ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tikkundanna lill-hatja ghal piena ta’ prigunerija li tirrifletti s-serjeta` tar-reat illi huma wettqu, bilancjata mas-sens tal-gustizzja illi ghandu jhoss il-vittma u l-istess progress li jidher illi mmanifestaw il-hatja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, l-artikoli 221(2), 222A, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(1)(2), 279(a)(b), 280(2)(3), 281, 334(a), 86, 87(1)(c)(e), 49, 50, 289, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 3(1A), 26(a) tal-Ordinanza Dwar l-Armi (Kap. 66) u wara li qieset l-assorbiment tal-kapi fejn jirrikorru, tikkundanna lill-hati **Aaron Cassar** ghall-piena komplessiva ta’ **tmen (8) snin prigunerija,** kif ukoll tikkundanna lil **Noel Frendo,**

ghall-piena komplessiva ta' **ghaxar (10) snin prigunerija**, kif ukoll multa komplessiva ta' elfejn Ewro (€2000) kull wiehed li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija, kif ukoll li jhallsu is-somma ta' elf, hames mija u wiehed u tmenin Euro u sebgha u erbghin Euro centezmi (€1581.47) kull wiehed, import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------